# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 16 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 44.**
**Citazz. Nru. 1409/00 JRM.**

**F. MERCIECA & SONS MOBILI Limited.**

**vs**

**Philip DEGIORGIO.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet;

Illi l-atturi, fuq ordni tal-konvenut u skond kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, immanifatturaw ghamara u xoghol iehor tal-injam, principalment konsistenti f'aperturi tal-injam li twahhlu fi Sliema Hotel, f'Tower Road, Sliema;

Illi sussegwentement, il-partijiet ftehemu li l-atturi kellhom jaghmlu xogholijiet addizzjonali kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati bhala Dok. B u Dok. C;

Illi, ghalkemm dawn ix-xogholijiet tlestew fiz-zmien miftihem, il-konvenut ghad fadallu jhallas lill-atturi s-somma ta' sebghat elef, erba' mija u disgha u disghin Lira u erbghajn centezmu (Lm7,499.40) kif jirrizulta mill-anness rendikont immarkat bhala Dok. D;

Illi, bhala hlas ta' parti mill-bilanc dovut lill-atturi, il-konvenut hareg tlett cheques f'isem l-atturi, liema cheques gew 'Referred to Drawer' stante nuqqas ta' fondi da parti ta' min hareg ic-cheques;

Illi ghalkemm il-konvenut wieghed lill-atturi, ghal diversi drabi li kien sejjer ihallas, dan baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta' sebghat elef erbgha mija u disgha u disghin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm7499.40) lilhom dovut kif premess;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-imghax skond il-ligi mid-data li l-pagament ta' dan l-ammont kien dovut;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-5 ta' Gunju, 2000 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirruzulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta' sebghat elef erbgha mija u disgha u disghin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm7499.40) lilhom dovut kif premess, u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-5 ta' Gunju, 2000 kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tas-Sentenza sal-jum tal-hlas effettiv.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**16, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**16, ta' Novembru, 2000.**